

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u R. Meyer, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) FV huwa kkundannat ibati, barra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 77, 09.3.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-15 ta' April 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu – il-Polonja) – Grupa Warzywna Sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu**

(Kawża C-935/19) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 273 – Sovravalutazzjoni, fid-dikjarazzjoni fiskali, tal-ammont tar-rimbors tal-VAT – Żball ta' evalwazzjoni tal-persuna taxxabli fir-rigward tan-natura taxxabli tat-tranżazzjoni – Rettifika tad-dikjarazzjoni fiskali wara kontroll – Sanzjoni ta' ammont ugwali għal 20 % tal-ammont tas-sovravalutazzjoni tal-ammont tar-rimbors tal-VAT – Prinċipju ta' proporzjonalità)**

(2021/C 217/19)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

### Qorti tar-rinviju

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Grupa Warzywna Sp. z o.o.

Konvenut: Dyrektor Izby Administracji Skarbowej we Wrocławiu

### Dispożittiv

L-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud, u l-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali li timponi fuq persuna taxxabli, li kklassifikat b'mod żbaljat tranżazzjoni eżentata mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) bħala tranżazzjoni suġġetta għal din it-taxxa, sanzjoni ugwali għal 20 % tal-ammont ta' sovravalutazzjoni tal-ammont tar-rimbors tal-VAT mitlub indebitament, sa fejn din is-sanzjoni tapplika mingħajr distinzjoni kemm għal każ fejn l-irregolarità tirriżulta minn żball ta' evalwazzjoni mwettaq mill-partijiet għat-tranżazzjoni fir-rigward tan-natura taxxabli ta' din tal-aħħar, li hija kkaratterizzata minn assenza ta' indizju ta' frodi u ta' telf ta' dħul mit-Teżor pubbliku, u f'sitwazzjoni li fiha tali ċirkustanzi partikolari huma neqsin.

(<sup>1</sup>) ĠU C 191, 8.6.2020.